**Kunsill Lokali Marsaskala**
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **17** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 18 ta' Frar 2014 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Chantel Zammit |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 15 u 16.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena finazjara 2013
6. Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjonijiet
   MLC 01/2014 – Renting of garage/stores.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 15(1) tal-21 ta' Jannar 2014:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree Attard issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

1.2 **Laqgħa Nru 16 (1) tal-11 ta' Frar 2014**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni illi waqt din is-seduta kien ġie diskuss ukoll sabiex titkabbar il-kamra tal-arkivji.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jiżdied dan il-paragrafu kif ġej bħala paragrafu 10:

*"Il-Kunsill approva unanimament li jikber l-arkivji u tinbiddel il-pożizzjoni tal-bieb".*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 15(1) tal-21 ta' Jannar 2014:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa rigward artiklu #3.4 paġna 5 fejn staqsa jekk irċivejniex xi korrispondenza mingħand il-MEPA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċivejna xejn.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi kien bagħat korrispondenza lill-Kunsill wara li kien attenda għal-laqgħa organiżżata mill-Ministeru fejn tgħid illi t-tunellaġġ skond kif approvat mil-MEPA bħala massimu fis-sena fl-impjant ta' Sant'Antnin qiegħed ta' 71,000 pero jistgħa jiżdied għal 100,000 tunellata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-massimu tal-ammont ta' tunellaġġ illi ħareġ mill-MEPA kien ta' 71,000 tunellata fis-sena u kien bagħat kopja tal-permess maħruġ mil-MEPA lil kull kunsillier.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ħarġet stqarrija pubblika fuq l-aħbarijiet minn press conference li saret mill-Ministru is-Sur Leo Brincat fejn iddikjara illi mhuwiex ser jiżdied l-ammont ta' skart fl-impjant ta' Sant Antnin dan wara li l-istradeġija ta' l-iskart għaddiet minn fażi ta' konsultazzjoni u ġiet finalizzata.

Il-Kunsillier Is-Sur Charlot Cassar staqsa fejn nistgħu nsibu verifika ta' dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk nidħlu fil-website tad-D.O.I għandna nsibu l-informazzjoni li għandna bżonn. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jsib din l-istqarrija u jibagħta lill-Kunsilliera.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal għal-laqgħa fit-6.12p.m***

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq paġna 3 artiklu #2.1.4 jekk irċivejniex xi ħaġa mingħand it-TM.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda illi għadna ma rċivejniex risposta.

Is-Sindku is-Sur Mario Calleja staqsa lill-Kunsilliera Is-Sur John B Camilleri u s-Sur Charlot Mifsud jekk l-bus stop ta' ħdejn iċ-Ċervjola hiex tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qabel ma daħlet il-kumpanija Faces l-Kunsill kien jieħu ħsieb tal-manutenzjoni meħtieġa pero' wara li daħlu l-Faces dawn saru jieħdu ħsieb il-manutenzjoni huma. ~~pero fil-każ ta' Triq il-Qaliet il-bus stop għad m'għandix permess mill-MEPA allura għada ma waqatx taħt ir-responsabbilita' tagħhom.~~ Dan peress li l-kumpanija Faces twaħħal il-bus shelters tagħha wara li jinġabu l-permessi neċessarji.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-bus stop ta quddiem ic-Charian residence u uħud oħra baqgħu ma ġewx aċċettati mill-MEPA allura l-manutenzjoni tagħhom trid issir mill-Kunsill.

Is-Sindku qal illi tkellem mas-Sur Ivan Pierre Vella mit-TM fejn qallu li għadu jrid jiċċekja jekk il-bus stop ta' ħdejn iċ-Ċervjola jaqax taħt il-Kunsill bħala responsabilita' pero fil-każ li hu tagħna tajjeb li nneħħuħ jew inkella nagħmlu manutenzjoni fi-saqaf tal-bus stop għaliex qiegħed bla saqaf.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Faces Consultants għadhom qed jitennew li jirċievu permessi mill-MEPA fuq ċertu Bus shelters bħal dak li jinsab fi Pjazza Dun Tarċis Aguis.

Is-Sindku qal illi għada ser jerġa jitkellem mas-Sur Ivan Vella fi ħdan Tmalta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qlajna ħafna kritika fuq bus stops u tajjeb illi nirranġaw dan il-bus stop temporanjament li jinsab ħdejn iċ-Ċervjola u nneħħu l-periklu anke minħabba l-anzjani illi jużaw dan il-bus stop.

Is-Sindku qal illi tajjeb inqabbdu lill-Kuntrattur tal-ħadid sabiex jara x'nistgħu nagħmlu sabiex nirranġaw dan il-bus stop.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem fuq paġna 6 artiklu #3.9 fejn qal illi attenda laqgħa mall-Onorevoli Buontempo u tkellem fuq il-passaġġ ħdejn il-pixxina bħala aċċessibilita' għall-għaddasa pero' jidher li mhux ser tittieħed azzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mir-railing l-isfel jaqa taħt it-TM.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi dan il-passaġġ iġib turiżmu minħabba li huwa l-post fejn jinżlu l-għaddasa.

Is-Sindku qal illi dak li qed jgħid l-Kunsillier Daniel huwa vera pero tajjeb li naraw kemm jiġi jiswina flus għax wara kollox mhiex xi ħaġa li taqa taħt ir-responsabilita' tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi tajjeb issir pressjoni mall-ministeru u qed jipproponi li *nibgħatu lill-Ministeru tal-isports u t-turiżmu.*

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar tkellem fuq paġna 6 artiklu #3.8 fejn qal illi hu attenda laqgħa tan-national tourism zones fejn hu r-rappreżentant tal-Kunsill fejn qal illi dan il-kumitat qed jagħti ċans sal-20 ta' Frar 2014 sabiex kull Kunsill jagħti lista ta' problemi jew proposti sabiex jiġu diskussi u implimentati la darba jkunu approvati u talab il-Kunsill sabiex jibgħat dawn l-ilmenti u proposti lilu sabiex jgħaddihom għall-attenzjoni tal-kumitat.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 7 artiklu #5.1 fejn qal illi l-Kunsill kien iddeċieda illi l-flus sabiex issir parti sostanzjali minn Triq il-Qaliet kienu ser jittieħdu mill-fondi tal-bini tal-Kunsill u hawnhekk tniżżel illi l-Kunsill ma kellux għalfejn jagħmel dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi *on a cash basis* għas-sena 2013 ma nefaqx iktar mill-allokazzjoni ta'dik is-sena pero ser tiġi spjegata aktar il-quddiem fl-approvazzjoni tal-*financial statements*. Għaldaqstant, għas-sena 2013, il-Kunsill ma kienx utiliżża fondi milli kien hemm imwarrab. Madankollu s-Segretarju Eżekuttiv spjega li skond il-Budget għas-sena 2013 il-Kunsill kien approva li jonfoq iktar mill-allokazzjoni ta' dik is-sena.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-2012 konna ħadna €80,000 mill-fondi tal-Kunsill u ddeċidejna li t-tarmac ta' Triq il-Qaliet kellu jsir għax ma stajniex nagħmlu mod ieħor anke jekk din it-triq taqa taħt il-Gvern Lokali u kellna nitolbu lill-Gvern Ċentrali sabiex nieħdu il-flus lura.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi Triq il-Qaliet sar il-maġjor parti fl-2012.

Kien hemm qbil unanimu li terġa tintbagħat ittra lill-Ministeru kkonċernat biex nippruvaw nieħdu xi fondi lura.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 8 artiklu #3.14 u staqsa liema kienu l-Kunsilli Lokali li bagħtu s-sehem tagħhom għall-ispejjes tar-rikors.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi l-Kunsill ta' Żabbar u Żejtun ħallsu l-ammont kollu filwaqt li dak ta' Ħal Tarxien ħallas l-ewwel parti biss.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar tkellem rigward artiklu #2.1.3 ta' paġna 3 u qal illi hu *flimkien mas-Sindku attendew għal-laqgħa mar-rappreżentanti tal-MEPA* fejn spjegaw l-problema tal-plots vojta. Il-Mepa għamlet distinzjoni bejn żewġ tipi ta' plots vojta, dawk li hemm bżonn jittella ħajt għaliex qed jintrema xi skart ġo fihom u hemm dawk li huma sempliċiment vojta iżda miżmuma fi stat tajjeb. Il-MEPA qaltilhom ukoll illi irid jitla ħajt ta' erba filati la darba il-Kunsill jiddeċiedi li jtella l-ħajt. Is-Sur Cassar żied jgħid illi l-ispejjeż sabiex jitella dan iċ-ċint u jsir il-fencing jittieħdu mill-fondi tal-UIF u meta s-sid japplika għal permess tal-bini jiġi mitlub iħallas dawn l-ispejjes għal dan iċ-ċint u dawn jerġgħu jidħlu fil-fondi tal-UIF.

Is-Sindku qal illi l-art li hemm fi Triq il-Ġemmugħa ma Triq il-Qrempuċ jafu ta' min hi u ser jerġgħu jibagħtu ittra lis-sid.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq iż-żona ta' ħdejn Del Etna fi Triq id-Dugħ u fuq l-istat li tinsab fiha.

Is-Sindku qal illi l-bring in sites għandna nmexxuwhom minn mal-ħajt ta faċċata Del Etna għal Triq il-Buttar. Is-Sindku sostna li jkun tajjeb illi nerġgħu niċċekjaw mal-Lands Department ta min hi dik l-art.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem rigward artiklu #3.3 paġna 5 fejn qal illi hu attenda għal laqgħa li saret fil-Kunsill taż-Żejtun flimkien mall-Kunsilli Lokali l-oħra sabiex jiddiskutu t-tender dwar id-dwal tat-toroq. Hu qal illi kien hemm qbil illi tinħareġ tender waħda komuni f'isem diversi Kunsill Lokali mhux bħala Reġjun iżda bħala Kunsilli konġunti kif tippermetti l-liġi. Kull Kunsillier ser ikun qed jagħti l-feedback tiegħu lill-Kunsill wara li ser issir laqgħa oħra sabiex kull Kunsill jagħti suġġerimenti u jekk ikun hemm xi affarijiet li nkunu nixtiequ nżidu fit-tender din tkun tista tiżdied u jsir aġġustament fit-tender qabel ma joħroġ. Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal illi t-tender li ser joħroġ ser ikun jista jiġi amministrat b'mod individwali minn kull Kunsill u l-kumitat finalment ser ikun qed jagħżel kuntrattur wieħed għall-Kunsilli kollha li jiffurmaw parti minn dan il-kumitat. Huwa żied jgħid illi meta jkun hemm qbil dejjem ser ikun qed jgħati feedback lill-Kunsill fuq x'qiegħed jiġri.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jifforma parti minn dan il-kumitat.

2.0 ***Punti li joħorġu mill-minuti:***

2.2 **Laqgħa Nru 16(1) tal-11 ta' Frar 2014:**

2.2.1 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Riżultat tal-bord ta' evalwazzjoni għall-Ħatra ta' Part timer:**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal illi sar proċess ta' short listing tal-persuni eliġibbli għall-interview mil-bord ta' evalwazzjoni u kif jidher mir-rimarki miktuba d-deċiżjoni kienet taqa bejn żewġ persuni u peress illi l-Kunsill xtaq illi l-persuna magħżula tkun minn Marsaskala u lest li jaħdem f'dan il-qasam ta' xogħol jidher illi s-Sinjura Alexandra Mallia spikkat anke minħabba l-kwalifiki u esperjenza ta xogħol illi għandha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk hiex lesta li taħdem l-ħinijiet li l-Kunsill għandu bżonn.

Is-Sindku wieġeb illi din il-persuna hija flessibli ħafna fil-ħinijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hi ser tkun qed taħdem sa massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa erba darbiet fil-ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu l-part timer għandha taħdem wara nofsinhar fil-ħinijiet tas-sajf biex inżidu l-ħin għall-pubbliku.

Is-Sindku qal illi m'għandix tkun problema sabiex isir dan pero` se tiġi evalwata iktar 'il quddiem.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din is-sejħa għall-part timer tingħata lis-Sinjura Alexandra Mallia.

3.2 **Korrispondenza minn Sigulda rigward il-laqgħa annwali ġenerali tad-Douzelage li se ssir f'April 2014 (35/0683/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna korrispondenza illi ser issir l-laqgħa ġenerali annwali tad-Douzelage f'Sigulda ġewwa l-Latvja. Din is-sena l-laqgħa ser tkun imqassma fuq tlett workshops educational,youth u general bħal dawn l-aħħar sentejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi din is-sena Sigulda ma rnexxilomx jakkwistaw fondi mill-EU għas-safar b'hekk ser ikunu qed jattendi għaliha tlett rappreżentanti mill-Kunsill li huma s-Sindku, Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt.

Il-Kunsill qabel unanimament.

➢ ***Intalbu sospenzjoni tar-regolamenti biex jiġu approvati l-financial statements.***

5.0 ***<u>Approvazzjoni tal-financial statements għas-sena finanzjarja 2013:</u>***

L-Accountant bdiet tispjega il-financial statements fejn il-Kunsill għalaq b'deficit ta' €55,000. Dan kien dovut primarjament għać-ċitazzjonijiet pendenti fej nqata valur ta' madwar €29000 ta' sentejn ilu u dan skond struzzjonijiet li kien nħarġu. L-accountant qalet li għal din is-sena l-Kunsill qata l-ammont kollu dovut lilu miċ-ċitazzjonijiet peress li l-Kunsill probabbli li mhux ser jirnexxilu jiġbor il-flejjes u allura kellu jipprovdi għalihom.

Is-Sindku qal illi tkun ideja tajba hekk kif il-Kunsill Lokali jerġgħu jibdew jieħdu parti mill-flus miġbura miċ-ċitazzjonijiet skond ir-riforma sabiex isiru xogħolijiet infrastrutturali.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll li l-Kunsill obbligat ukoll li jdaħħal l-ammont ta' l-invoices li qed nirievu mil-Wastserv filwaqt li l-Kunsill Lokali qedgħin iħallsu inqas skond l-allokazzjoni li l-Kunsill Lokali ikun irċieva bħala tipping fees mioll-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dan l-aħħar kien inqata ammont meta l-Wastserv tħallser min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali pero` għad fadal ammont sostanzjali pendenti fuq il-kotba tal-Kunsill.

L-Accountant spjegat ukoll li kien hemm ammont sotanzjali ta' deprezzament ta' l-assi li jitla għal madwar €137,000 għas-sena finanzjaraja 2013.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fit-7.45p.m***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li on a cash basis il-Kunsill Lokali fis-sena 2013 ma kienx nefaq iktar mill-ammont li kien ġie allokat lilu mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2013 iżda b'dawn il-fatturi li kienu għadhom kif issemmew, bħala financial statements, il-Kunsill kien għalaq b'deficit.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-offerta illi tagħna l-Green MT kien hemm mniżżel illi f'Jannar ser jitqassmu boroż griżi mal-Lokal ta' Marsaskala u sal-lum dawn għadhom ma tqassmux.

Is-Sindku qal illi ser ifakkar lis-Sur Joe Attard dwar dan.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-*financial statements* u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-Kunsill qabel unanimament dwar l-approvazzjoni tal-*financial statements*.**

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fit-7.50p.m***

3.3 **<u>Follow up rigward il-każ tal-EUPA wara l-laqgħa mas-Sur Robert Tabone mid-dlg:</u>**

Is-Sindku qal illi s-Sur Mark Causon qiegħed jitkellem mas-Sur Robert Tabone għalhekk dan il-każ għadu pendenti pero jidher li l-Kunsill mhux ser ikollu jħallas xejn.

3.4 **Każ ta' resident fi Triq is-Sikka fejn twaħħlet il-plakka bl-isem tat-triq mal-faċċata tiegħu fi Triq is-Sikka (35/0533/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal illi r-resident li qiegħed jikteb din l-ittra qed jilmenta u jitlob kumpens minħabba li l-ħaddiema tal-Alka ceramic waħlu tabella ta l-isem tat-triq mal-faċċata tad-dar tiegħu mingħajr permess u għamlu żewġ toqob ġol graffiato apparti min dan hu qed jallega illi sabiex daħlu fil-propjeta` tiegħu l-ħaddiema għaddew minn fuq iċ-ċint tiegħu li huwa magħmul bil-graffiato ukoll fejn ikawżawlu ħsara fih u ta dan kollu hu talab €200 kumpens wara stima li kien ġab. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid illi tkellem mal-ħaddiema tal-Alka Ceramics li reġgħu ġew fuq il-post u assigurawh li huma ma telawx minn fuq iċ-ċint għaliex kien hemm entratura għall-garaxx min fejn għaddew sabiex waħħlu din it-tabella.

Is-Sindku qal li l-unika ħaġa ħażina li saret kienet li t-tabella twaħħlet mingħajr permess u hu jħoss illi għandna nagħtu kumpens ta €50 għal dan in-nuqqas.

Wara deliberazzjoni il-Kunsill ma qabilx illi jingħata dan il-kumpens ta' €50 għaliex dan ir-resident jista jkun qed jieħu vantaġġ mis-sitwazzjoni fejn il-ħsarat li għandu issa li nqalat it-tabella huma biss ta żewġ toqob u s-somma ta' €25 hija biżżejjed biex jagħmel din it-tiswija.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nagħtu kumpens ta €25.

3.5 **Informazzjoni rigward l-impjant tar-riċiklaġġ f'Sant'Antnin:**

Dan is-suġġett diġa ġie diskuss f'punt numru 2.1.1

3.6 **Proposta min ta' Monita biex Triq il-Bajja ssir one way (35/0536/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi f'din l-ittra saret proposta illi parti min Triq il-Bajja int u tiela minn Triq San Luqa u tikser fuq il-lemin għal Triq il-Bajja issir one way.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi it-triq imsemmija tintuża ħafna minn dawk li minn Żonqor ikunu jridu jmorru ħdejn l-iskola aktar u aktar meta jkun maltemp.

Il-Kunsill ma qabilx mal-poposta li parti minn din it-triq issir one way.

3.7 **Skip fi Triq il-Bajja:**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi fi Triq il-Bajja eżatt kif titla minn Triq San Luqa hemm skip tal-ħadid fit-Triq illi ilha hemm ħafna żmienu xtaq ikun jaf jekk dan l-individwu huwiex qed jagħmel permess mall-Kunsill sabiex iħalli din l-iskip barra it-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi ser naraw jekk hux qed iħallas il-permess u jekk le ser inkunu qed nibgħatulu ittra biex iħallas skond il-Byelaws.

3.8 **Skemi dwar libreriji Lokali (35/0608/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal sena oħra reġgħet ħarġet l-iskema għal kotba fil-librerija.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali jixtri massimu ta' €1200 f'kotba biex jiġi rifuż lura €600 mid-Dipartiment. Il-Kunsill għandu l-ewwel japplika għal din l-iskema.

3.9 **Klejm mingħand is-Sur Keith Vassallo għal ħsara ikkaġunata fil-vettura tiegħu fi Triq in-Nadur (35/0746/14/I):**

Is-Segretarju Eżkuttiv qal illi irċivejna korrispondenza fejn l-individwu faqa tyre fi Triq in-Nadur u jixtieq rimbors. Is-Sur Vassallo ippreżenta rapport mill-għassa u qed jikklejmja s-somma ta' €80 bħala ħsarat kif ukoll ippreżenta r-riċevuti fiskali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi qed ikollna ħafna klejms ta dan it-tip u jħoss li jkun tajjeb illi ngħamlu surverys fuq it-toroq ta' Marsaskala għaliex kull darba qed nispiċċaw nduru l-istess toroq.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi tant żdiedu spejjes fuq il-kuntratturi illi jispiċċaw jieħdu ħafna xogħol sabiex jifdu l-ispejjes pero` ma jkunux jistgħaw ilaħqu max-xogħol kollu li jkollhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nagħtu rimbors ta' €50.

3.10 **Post għal-laqgħa pubblika:**

Is-Sindku qal illi kellem lill-uffiċjali ta' Wasteserv sabiex jara jekk il-laqgħa tistax issir ġewwa ir-reception area tagħhom pero ma tawħx risposta u issa kien qed jipproponi li issir ġewwa il-Beach Club u ser ikun hemm ukoll refreshments wara l-laqgħa.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min pagament numru 1101 sa pagament nru 1111 ser jiġu mħallsa wara l-approvazzjoni tal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u jiġu mgħoddija fl-iskeda ta' pagamenti tal-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm żewġ bibien u erba twieqi fil-latrina ta' ħdejn il-Jermali jridu jinqalgħu u jiġu *sand blasted*, galvaniżżati u jingħataw 3 passati żebgħa tal-hardner.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li diġa ġibna kwotazzjoni tagħhom li hi ta' €200 kull bieb u €100 għal kull tieqa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan ix-xogħol għandu jsir.

**Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-panelli taż-Żonqor s'issa iġġeneraw 2,020 unit min meta ġew *installati*.

6.0 ***Aġġudikazzjoni tal- Kwotazzjonijiet:***

6.1 **MLC 01/2014 – Renting of garage/stores.**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Mr. Ronald Briffa | €2,000.00 yearly |
| 2. | Mr Mario Gauci obo Burmarrad Commercial Ltd | €4,650.00 yearly |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellna żewġ offerti għal-kiri tal-garaxx fejn l-orħos waħda hi tas-Sur Ronald Briffa li hu l-garaxx li fil-preżent il-Kunsill qiegħed juża.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jintagħżel il-Kuntrattur is-Sur Ronald Briffa peress li kienet l-orħos offerta mitfugħa

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 **Mozzjonijiet:**

Ma kienx hemm l-ebda mozzjoni.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Tnejn 17 ta' Marzu 2014 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku